IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2020
COM(2020) 848 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2021 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[1] (ir-Regolament QFP) jinkludi t-tabella tal-qafas finanzjarju għall-EU-27 għall-perjodu 2021-2027, espress fi prezzijiet tal-2018 (it-Tabella 1).

L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li r-riżultat tal-aġġustament tekniku għall-2021 jingħata lill-awtorità baġitarja f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament QFP. B'mod partikolari, l-aġġustament tekniku jistabbilixxi l-limiti massimi tan-nefqa bil-prezzijiet attwali bbażati fuq id-deflatur fiss ta' 2 % kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP.

Abbażi tal-aħħar previżjonijiet ekonomiċi[2], il-komunikazzjoni tipprovdi wkoll il-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea adottata skont l-Artikolu 311(3) TFUE, li hija attwalment fis-seħħ[3].

Il-Komunikazzjoni tippreżenta wkoll il-kalkolu tal-ammonti disponibbli skont l-Istrument ta' Marġni Uniku skont l-Artikolu 11 tar-Regolament QFP. Mis-sena 2022, il-Kummissjoni se tikkalkula wkoll, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament QFP, l-aġġustamenti speċifiċi għall-programmmi elenkati fl-Anness II tar-Regolament QFP u se tinkludihom fil-komunikazzjoni dwar l-aġġustament tekniku.

Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament QFP, il-Kummissjoni se tagħmel l-aġġustament tekniku fil-qafas finanzjarju u kull sena se tikkomunika r-riżultati lill-awtorità baġitarja, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1. Minħabba li l-aġġustament tekniku għas-sena 2021 huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament QFP li ma kienx ġie adottat qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja għas-sena 2021, dan l-aġġustament, b'mod eċċezzjonali, ma sarx qabel il-proċedura baġitarja. Madankollu, l-baġit għall-2021 jenħtieġ li jkun skont il-limiti massimi u l-ammonti li jirriżultaw minn dan l-aġġustament tekniku.

Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-QFP ma jsir l-ebda aġġustament tekniku ulterjuri fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet *ex post* matul is-snin ta' wara.

2. IT-TERMINI TAL-AĠĠUSTAMENT TAT-TABELLA TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (L-ANNESS - IT-TABELLI 1-2)

It-Tabella 1 fl-Anness turi l-qafas finanzjarju pluriennali għall-EU-27 fi prezzijiet tal-2018 tar-Regolament QFP aġġustati skont l-Artikolu 2(1).

It-Tabella 2 turi l-qafas finanzjarju pluriennali għall-EU-27 aġġustat fi prezzijiet attwali.

---

1 Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

2 It-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea tal-ħarifa tal-2020: https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/autumn-2020-economic-forecast_en

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2014/335/UE, Euratom) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

Il-qafas finanzjarju espress bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Unjoni huwa aġġornat bl-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea (il-Ħarifa 2020). Skont din il-previżjoni, l-ING għall-2021 huwa stabbilit għal EUR 13 896 720 miljun fi prezzijiet attwali għall-EU-27.

2.1. Ir-riżultati ewlenin tal-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021

Il-limitu massimu globali tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2021 huwa ta'EUR 163 483 miljun fi prezzijiet kurrenti, li huwa ekwivalenti għal 1,18 % tal-ING. Il-limitu massimu kumplessiv tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament jikkorrispondi għal EUR 166 140 miljun fi prezzijiet attwali, ekwivalenti għal 1,20 % tal-ING.

Bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għas-sistema ta' riżorsi proprji attwalment fis-seħħ, dan iħalli marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 621 miljun. Madankollu, bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2020, 2020/2053/UE, Euratom fuq is-sistema tar-riżorsi proprji, il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa stabbilit għal 1,40 % tal-ING, li huwa ekwivalenti għal EUR 194 554 miljun fl-2021. Dan jirriżulta f'marġni bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 28 414 miljun, jew 0,20 % tal-ING. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053/EU, Euratom tidħol fis-seħħ, din se tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni għall-perjodu 2021-2027 dwar il-marġni f'perċentwal tal-ING bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 1,20 % tal-ING attwalment fis-seħħ. Għal finijiet ta' informazzjoni, it-tabella tipprovdi wkoll il-marġni abbażi tal-limitu massimu propost tar-riżorsi proprji ġodda ta' 1,40 % tal-ING.

F'% tal-ING tal-EU27	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
Il-limitu massimu tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament	1,20 %	1,15 %	1,10 %	1,09 %	1,07 %	1,06 %	1,06 %	1,10 %
Il-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom	0,00 %	0,05 %	0,10 %	0,11 %	0,13 %	0,14 %	0,14 %	0,10 %
Il-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053/UE, Euratom	0,20 %	0,25 %	0,30 %	0,31 %	0,33 %	0,34 %	0,34 %	0,30 %

2.2. Aġġustament tas-sottolimitu massimu għall-Intestatura 3

Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament QFP, is-sottolimitu għall-Intestatura 3 għan-nefqa relatata mas-suq u għall-pagamenti diretti (l-ewwel pilastru tal-politika agrikola komuni - PAK) fil-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jiġi aġġustat wara li jsiru t-trasferimenti bejn l-ewwel u t-tieni pilastri tal-PAK, f'konformità mal-att

legali li jistabbilixxi dawn it-trasferimenti. L-ammont totali tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Intestatura 3 ma jinbidilx.

Is-sottolimitu għall-Intestatura 3 ġie aġġustat għall-ewwel darba fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2021.

L-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifiki mill-Istati Membri lill-Kummissjoni kienet fil-31 ta' Diċembru 2019 u t-8 ta' Frar 2020. Ir-riżultat ġie stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756 tal-1 ta' April 2020[4]. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, dan ir-Regolament Delegat ġie emendat ulterjorment bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314 tal-10 ta' Lulju 2020[5].

Il-modifika tas-sottolimitu għall-Intestatura 3 fi prezzijiet attwali teħtieġ li tiġi konvertita fi prezzijiet tal-2018 sabiex ikun jista' jitwettaq l-aġġustament tekniku tat-tabella tal-QFP fi prezzijiet tal-2018. Għal dan l-għan il-bilanċ nett l-ewwel jiġi ttrasformat fi prezzijiet tal-2018 permezz tad-deflatur fiss ta' 2%. Dan imbagħad jiġi aġġustat 'il fuq sabiex jinkiseb is-sottolimitu aġġustat billi l-limiti massimi tal-QFP jingħataw biss f'miljuni ta' euro. Huwa biss permezz ta' din il-proċedura ta' aġġustament 'il fuq li jista' jiġi żgurat li s-sottolimitu tal-QFP ikun dejjem ogħla mill-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Id-differenza żgħira li tirriżulta ma tikkostitwixxix marġni disponibbli, iżda tirriżulta esklussivament mill-operazzjoni ta' ammonti maqtugħin għad-dritt. Għal kull baġit annwali, il-Kummissjoni se tuża l-ammonti eżatti tal-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG.

It-tabella ta' hawn taħt turi r-riżultat nett (f'miljuni ta' euro) tat-trasferiment bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK u l-impatt tagħhom fuq is-sottolimitu tal-Intestatura 3.

Is-sottolimitu tal-FAEG (nefqa relatata mas-suq u l-ħlasijiet diretti) wara t-trasferimenti fi prezzijiet attwali u tal-2011

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
	- fi prezzijiet attwali -							
Sottolimitu inizjali għal-I3	40 925,000	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	291 091,000
Sottolimitu għal-I3 stabbilit fl-aġġustament tekniku għall-2021	40 368,000	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	290 534,000
Trasferimenti netti totali (minn P1 għal P2) app. tas-sottolimitu inizjal	- 557,046	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	- 557,046
Il-bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha	40 367,954	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	290 533,954
Sottolimitu għal-I3 wara t-trasferimenti	40 368,000	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	**290 534,000**
Differenza maqtugħa għad-dritt	*0,046*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,046*
Differenza għas-sottolimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha	***- 557,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***- 557,000***
Deflatur annwali	1,061	1,082	1,104	1,126	1,149	1,172	1,195	
	- fi prezzijiet tal-2018 -							
Sottolimitu inizjali għal-I3	38 564,000	38 115,000	37 604,000	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	258 594,000
Sottolimitu għal-I3 stabbilit fl-aġġustament tekniku għall-2021	38 040,000	38 116,000	37 605,000	36 984,000[2]	36 374,000	35 773,000	35 184,000	258 076,000
Il-bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha	38 039,625	38 115,000	37 604,000	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	258 069,625
Sottolimitu għal-I3 wara t-trasferimenti kollha	38 040,000	38 115,000	37 604,000	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	**258 070,000**
Differenza maqtugħa għad-dritt	*0,375*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,000*	*0,375*
Differenza għas-sottolimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha	***- 524,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***0,000***	***- 524,000***

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756 tal-1 ta' April 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 179, 9.6.2020, p. 1.

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314 tal-10 ta' Lulju 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2020, OJ L 307, 22.9.2020, p. 1

3. STRUMENTI SPEĊJALI

Hemm għadd ta' strumenti speċjali li huma disponibbli barra mil-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jiżguraw rispons rapidu għal ċirkustanzi eċċezzjonali jew mhux previsti, u li jipprovdu, sa ċerti limiti, daqsxejn ta' flessibbiltà lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa miftiehma.

3.1. Strumenti tematiki speċjali

3.1.1. Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament QFP, il-*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni* jista' jiġi mobilizzat sa massimu ta' EUR 186 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2018, jew EUR 197,4 miljun fl-2021 fi prezzijiet kurrenti (EUR 1 467,4 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti[6]). Ammonti mhux użati mis-sena ta' qabel ma jistgħux jiġu riportati.

3.1.2. Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament QFP, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tista' tiġi mobilizzata sal-ammont massimu ta' EUR 1 200 miljun fis-sena bil-prezzijiet tal-2018, jew EUR 1 273,4 miljun bi prezzijiet kurrenti għall-2021 (EUR 9 467,2 miljun għall-perjodu kollu bi prezzijiet kurrenti). Il-parti tal-ammont mhux użat tas-sena preċedenti tista' tiġi riportata għas-sena ta' wara.

Mid-data ta 'din il-Komunikazzjoni, l-ammont li ma ntefaqx ta' EUR 47,981,598 mill-Fond ta 'Solidarjetà tal-UE se jiġi ttrasferit mis-sena 2020 għas-sena 2021.

3.1.3. Ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament QFP, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit tista' tiġi mobilizzata għal ammont totali ta' EUR 5 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 matul il-perjodu 2021-2027. L-ammont għandu jiddaħħal fil-baġit bħala provvediment.

3.2. Strument speċjali mhux tematiku

3.2.1. Strument ta' Marġni Uniku

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament QFP, l-aġġustament tekniku għandu jikkomunika l-ammont disponibbli f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku kif imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1). L-ebda ammont ma huwa disponibbli għall-2021 sa issa.

L-ammont massimu totali msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) huwa 0,04 % tal-ING tal-UE-27, li huwa ekwivalenti għal EUR 5 558,7 miljun fl-2021.

L-ammont massimu totali msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) huwa 0,03 % tal-ING tal-UE-27, li huwa ekwivalenti għal EUR 4 169,0 miljun fl-2021.

[6] Skont ir-Regolament QFP, il-konverżjoni hija bbażata fuq deflatur fiss ta' 2 %. Ir-riżultat fi prezzijiet attwali huwa espress f'miljuni u mqarreb għal tliet ċifri deċimali.

F’konformità mal-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament QFP, l-aġġustament tekniku għandu jikkomunika l-ammont ta’ aġġustament tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament taħt l-Istrument ta’ Marġni Uniku kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1). L-ebda ammont ma huwa disponibbli għall-2021 sa issa.

3.2.2. Strument ta’ Flessibbiltà

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament QFP, *l-Istrument ta’ Flessibbiltà* jista’ jiġi mobilizzat sal-ammont annwali massimu ta’ EUR 915 miljun fi prezzijiet tal-2018, jew EUR 971,0 miljun fl-2021 fi prezzijiet attwali (EUR 7 218,7-il miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet attwali). Il-porzjon tal-ammonti annwali mhux użati tas-sentejn preċedenti jista’ jiġi riportat.

4. TABELLA SOMMARJA U KONKLUŻJONIJIET

It-tabelli ta’ hawn taħt jiġbru fil-qosor il-bidliet fil-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn u ta’ pagament fil-qafas finanzjarju abbażi tal-Artikoli 2(1) u 4 tar-Regolament QFP bi prezzijiet kurrenti u tal-2018:

F'miljuni ta' euro, fi prezzijiet attwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
1. Is-suq uniku, l-innovazzjoni u l-aġenda diġitali								0
2. Koeżjoni, reżiljenza u valuri								0
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali								0
2b. Reżiljenza u valuri								0
3. Riżorsi naturali u ambjent								0
Nefqa relatata mas-suq u mal-pagamenti diretti	-557							-557
4. Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri								0
5. Is-sigurtà u d-difiża								0
6. Il-viċinat u d-dinja								0
7. L-amministrazzjoni pubblika Ewropea								0
Li minnha: in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet								0
Bidla totali fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	0
Bidla totali fl-approprjazzjonijiet ta’ pagament								0
Li minnhom:								0

f'miljuni ta' euro, fi prezzijiet tal-2018	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
1. Is-suq uniku, l-innovazzjoni u l-aġenda diġitali								0
2. Koeżjoni, reżiljenza u valuri								0
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali								0
2b. Reżiljenza u valuri								0
3. Riżorsi naturali u ambjent								0
Nefqa relatata mas-suq u mal-pagamenti diretti	-524							-524
4. Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri								0
5. Is-sigurtà u d-difiża								0
6. Il-viċinat u d-dinja								0
7. L-amministrazzjoni pubblika Ewropea								0
Li minnha: in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet								0
Bidla totali fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	0
Bidla totali fl-approprjazzjonijiet ta’ pagament								0
Li minnhom:								0